# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI KOKOTT

ippreżentati fid-29 ta' Jannar 2009 [1]

## I — Introduzzjoni

1. Anki qabel ma ngħatat is-sentenza fil-kawża "C" (C-435/06) [2], il-Korkein Hallinto-oikeus (Qorti Amministrattiva Suprema Finlandiża), reġgħet għamlet talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 [3].

2. L-ewwel nett hija tqajjem il-kwistjoni, li ngħatat risposta fl-affermattiv fis-sentenza C, dwar l-applikabbiltà tar-regolament għal miżuri fuq il-kura u l-kustodja ta' minuri, liema miżuri, fid-dritt nazzjonali, jikkostitwixxu atti ta' dritt pubbliku. Iżda għadhom pendenti l-kwistjonijiet l-oħrajn dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet fuq il-ġurisdizzjoni biex jiġu adottati dawk il-miżuri. Jeħtieġ b'mod partikolari li jiġi ddefinit b'mod iktar preċiż il-kunċett ta' "residenza abitwali" ta' minuri, li huwa l-fattur ewlieni ta' konnessjoni għall-ġurisdizzjoni internazzjonali. Kwistjonijiet oħrajn jirrigwardaw is-setgħa tal-qorti li ma jkollhiex ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-kwistjoni biex tieħu miżuri provviżorji.

## II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju*

3. Il-premessa 12 tar-Regolament Nru 2201/2003 tiċċara bil-mod li ġej ir-raġunijiet għad-dispożizzjonijiet rilevanti fuq il-ġurisdizzjoni:

"Ir-raġunijiet ta' l-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l-ġenituri stabbiliti fir-Regolament preżenti huma fformati fi ħdan l-aqwa interessi għall-minuri, u partikolarment dwar il-kriterju ta' l-qrubija. Dan ifisser li l-ġurisdizzjoni għandha toqgħod l-ewwel-nett ma' l-Istat Membru tar-residenza abitwali

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.
2 — Sentenza tas-27 ta' Novembru 2007 (Ġabra p. I-10141).
3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243, fil-verżjoni emendata bir-Regolament (KE) tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2004, Nru 2116 (ĠU L 153M, 7.6.2006, p. 253) — bl-isem ukoll ta' Bruxelles II bis.

ta' l-minuri, ħlief għal ċerti każijiet fejn hemm tibdil fir-residenza ta' l-minuri jew skond ftehim bejn dawk il-ġenituri li huma d-detenturi tar-responsabilità".

4. Ta' importanza partikolari għal din il-kawża huma d-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament Nru 2201/2003:

"Artikolu 1

Il-kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika, tkun xi tkun in-natura ta' l-qorti jew tribunal, fi kwistjonijiet ċivili dwar:

[…]

b) l-attribuzzjoni, l-eżerċizzju, id-delegazzjoni, ir-restrizzjoni jew it-terminazzjoni tar-responsabbilità ta' l-ġenituri.

[…]"

"Artikolu 8

Il-ġurisdizzjoni ġenerali

1. Il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l-ġenituri dwar minuri li huma abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru fiż-żmien li l-qorti tkun ħadet il-pussess.

2. Il-Paragrafu 1 għandu jkun bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 9, 10 u 12."

"Artikolu 13

Il-ġurisdizzjoni bbażata fuq il-preżenza tal-minuri

1. Fejn ir-residenza abitwali ta' l-minuri ma tistax tiġi stabbilita u l-ġurisdizzjoni ma tistax tiġi ddeterminata dwar il-bażi ta' l-Artikolu 12, il-qrati ta' l-Istat Membru fejn il-minuri huma preżenti għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għat-tfal li huma refuġjati jew tfal li huma nternazzjonalment spustati minħabba f'xi nkwiet f'pajjiżhom".

"Artikolu 17

L-Eżaminazzjoni nkwantu għall-ġurisdizzjoni

Fejn qorti ta' Stat Membru għandha l-pussess dwar każ li m'għandiex il-ġurisdizzjoni taħt dan ir-Regolament u dwar liema xi qorti ta' Stat Membru ieħor għandha l-ġurisdizzjoni bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, għandha tiddikjara b'mozzjoni proprja li m'għandhiex ġurisdizzjoni".

"Artikolu 20

Il-Miżuri provviżorji, inklużi dawk protettivi [kawtelatorji]

1. F'każijiet urgenti, id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mhux se jħallu l-qrati ta' Stat Membru milli jieħu dawk il-miżuri provviżorji, inkluzi dawk protettivi [kawtelatorji] fir-rigward ta' persuni jew assi f'dak

l-Istat kif huma disponibbli taħt il-liġi ta' dak l-Istat Membru, anki jekk, taħt dan ir-Regolament, il-qorti ta' Stat Membru ieħor għandha l-ġurisdizzjoni nkwantu għas-sustanza ta' l-kwistjoni.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx jibqgħu japplikaw meta l-qorti ta' l-Istat Membru li għandha l-ġurisdizzjoni taħt dan ir-Regolament nkwantu għas-sustanza ta' l-kwistjoni, ħadet il-miżuri li dehrilha xierqa".

**III — Il-fatti u d-domandi preliminari**

5. Skont id-deskrizzjoni qasira fit-talba għal deċiżjoni preliminari, il-fatti fil-kawża prinċipali huma dawn:

6. A hija omm ta' C, D u E. Hija kienet tgħix flimkien mat-tfal l-ewwel fil-Finlandja ma' F, il-missier tar-rispett tat-tfal. Fil-komun fejn kienu joqogħdu t-tfal kienu diġà ttieħdu fil-kura u l-kustodja tal-Istat minħabba l-atteġġament vjolenti tal-missier tar-rispett. Suċċessivament din il-miżura ġiet sospiża. Fl-2001, il-familja marret toqgħod fl-Isvezja. Fis-sajf tal-2005 marret fil-Finlandja, għall-ewwel biex tgħaddi l-vaganzi. Fil-Finlandja, il-familja kienet toqgħod f'karavans f'diversi kampijiet u għand il-qraba. It-tfal ma kinux imorru l-iskola. Fit-30 ta' Ottubru 2005, il-familja għamlet talba fil-komun Finlandiż Y biex tikseb akkomodazzjoni soċjali.

7. B'deċiżjonijiet li jġibu d-data tas-16 ta' Novembru 2005, il- *Perusturvalautakunta* (il-Kummissjoni ta' garanzija tad-drittijiet soċjali fundamentali), abbażi tal-Artikolu 18 tal-Lastensuojelulaki (liġi Finlandiża fuq il-ħarsien tal-minuri) ħadet b'urġenza l-kura ta' C, D u E, u poġġiethom f'istitut fejn jilqgħu lit-tfal billi kienu ġew abbanonati; l-għan tat-teħid tal-kura kien ukoll biex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni tagħhom.

8. A u F talbu li jitħassru d-deċiżjonijiet dwar it-teħid urġenti tal-kura. Fid-deċiżjoni tagħha tal-15 ta' Diċembru 2005 il-*Perusturvalautakunta* ċaħdet it-talba, ħadet il-kura tat-tfal skont l-Artikolu 16 tal-Lastensuojelulaki u poġġiethom f'istitut fejn jilqgħu lit-tfal. A u F appellaw mingħajr suċċess minn din id-deċiżjoni quddiem il-Hallinto-Oikeus (Tribunal amministrattiv).

9. Il-Korkein-Halinto Oikeus li quddiemha għandha rikors kontra din id-deċiżjoni bagħtet lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'digriet tat-

22 ta' Novembru 2007, dawn id-domandi preliminari li ġejjin:

1) a) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 [...] japplika għall-infurzar ta' deċiżjoni bħal dik li ttieħdet fil-kawża preżenti, li tordna t-teħid immedjat taħt kura u t-tqegħid ta' minuri barra mill-familja oriġinali tiegħu għal ma' familja tar-rispett, meta dik id-deċiżjoni tieħu l-forma ta' deċiżjoni unika adottata fil-kuntest tar-regoli tad-dritt pubbliku dwar il-protezzjoni tat-tfulija?

b) Fin-nuqqas ta' dan, ir-Regolament, fid-dawl tal-Artikolu 1(2)(d) tiegħu, japplika biss għal dik il-parti tad-deċiżjoni dwar it-tqegħid barra mill-familja oriġinali għal ma' familja tar-rispett?

2. B'liema mod jeħtieġ jiġi interpretat, fid-dritt Komunitarju, il-kunċett ta' 'abitwalment residenti [residenza abitwali]' fl-Artikolu 8(1) tar-regolament u fl-Artikolu 13 (1), li huwa marbut, b'mod partikolari fid-dawl ta' sitwazzjoni li fiha minuri għandu residenza permanenti fi Stat Membru iżda jirrisjedi fi Stat Membru ieħor, li fih ma għandhux residenza fissa?

3 a) Jekk wieħed jikkunsidra li r-residenza abitwali tal-minuri mhijiex f'dan l-aħħar Stat Membru, meta tista' madankollu tittieħed miżura kawtelatorja urġenti (teħid taħt kura) f'dak l-Istat Membru abbażi tal-Artikolu 20 (1) tar-regolament?

b) Miżura kawtelatorja kif imsemmija fl-Artikolu 20(1) tar-regolament hija biss miżura li tista' tiġi applikata skont il-liġi nazzjonali, u d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar din il-miżura huma vinkolanti meta l-artikolu jiġi applikat?

c) Wara l-implementazzjoni tal-miżura kawtelatorja, il-każ għandu jiġi ttrasferit *ex officio* lill-qorti kompetenti tal-Istat Membru li jkollha ġurisdizzjoni?

4. Jekk il-qorti ta' Stat Membru ma għandhiex ġurisdizzjoni, għandha tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli jew għandha tittrasferixxi dan lill-qorti tal-Istat Membru l-ieħor?

10. Fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ġew ippreżentati osservazzjonijiet mill-Gvernijiet Finlandiż, Ġermaniż, Grieg u Taljan, il-Gvern tar-Renju Unit kif ukoll mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

## IV — Il-kunsiderazzjonijiet legali

A — *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

11. L-ewwel domanda hija sostanzjalment identika għall-ewwel domanda preliminari fil-kawża C-435/06. Lil dik id-domanda ngħatat risposta kif ġej mill-Qorti tal-Ġustizzja f'sentenza mogħtija fis-27 ta' Novembru 2007 [4], ħamest ijiem wara li saret it-talba għal deċiżjoni preliminari:

"L-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2116/2004, tat-2 ta' Diċembru 2004, għandu jiġi interpretat fis-sens li taqa' taħt il-kunċett ta' "materji ċivili", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, deċiżjoni unika li tordna t-teħid immedjat taħt kura u t-tqegħid ta' minuri barra mill-familja oriġinali tiegħu għal ma' familja tar-rispett, meta dik id-deċiżjoni tkun adottata fil-kuntest tar-regoli tad-dritt pubbliku dwar il-protezzjoni tat-tfulija."

12. L-ewwel domanda preliminari f'din il-kawża għandha tingħata risposta bl-istess mod.

B — *Fuq it-tieni domanda*

13. Bit-tieni domanda preliminari l-qorti tar-rinviju qed titlob interpretazzjoni tal-kunċett ta' residenza abitwali ta' minuri, li miegħu l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 jorbot il-ġurisdizzjoni tal-qrati [5] tal-Istat Membru korrispondenti għad-deċiżjonijiet fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Din l-interpretazzjoni taffettwa fl-istess ħin il-ġurisdizzjoni tal-qrati

4 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

5 — Il-kunċett ta' "qorti" fis-sens tar-Regolament Nru 2201/2003, jinkludi, skont l-Artikolu 2(1) tiegħu, l-awtoritajiet kollha fl-Istati Membri bil-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt u li huma inkluzi fil-kompetenza ta' dan ir-regolament skont l-Artikolu 1.

tal-Istat Membru fejn il-minuri jkun preżenti, mingħajr ma jgħix fih abitwalment. Fil-fatt, skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 2201/2003, is-sempliċi preżenza toħloq ġurisdizzjoni biss meta ebda residenza oħra abitwali tal-minuri ma tista' tiġi stabbilita.

14. Ir-Regolament Nru 2201/2003 ma fih ebda definizzjoni tal-kunċett ta' "residenza abitwali". Bl-użu tal-aġġettiv "abitwali" jirriżulta li r-residenza għandha jkollha ċerta stabbiltà jew regolarità.

15. Kuntrarjament għal dak li qed isostni l-Gvern tar-Renju Unit, ma jirriżultax minn nuqqas ta' definizzjoni li dan il-kunċett ma jistax jingħata intepretazzjoni ġuridika, u li s-sinjifikat tiegħu ma jmurx lil hinn mit-tifsira naturali tal-kliem. Għall-kuntrarju, is-sinjifikat ta' dan il-kunċett għandu jiġi ddefinit bi preċiżjoni ikbar, wara li jiġu kkunsidrati r-*ratio* u l-għan tiegħu kif ukoll il-kuntest regolatorju. Madankollu l-Gvern tar-Renju Unit għandu raġun meta jsostni li l-interpretazzjoni għandha tħalli lill-qorti nazzjonali marġni diskrezzjonali suffiċjenti biex jippermettilha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha ta' fatt rilevanti fil-każ inkwistjoni.

1. Prinċipji bażiċi tar-regoli fuq il-ġurisdizzjoni fir-Regolament Nru 2201/2003 għal deċiżjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri

16. Il-minuri jkollhom bżonn tal-protezzjoni speċjali u l-għajnuna tal-ġenituri jew — jekk dawn ma jaqdux l-obbligi tagħhom — tal-Istat jew ta' terzi li lilhom ikun ġie ttrasferit id-dritt tal-kustodja. Jekk ikunu meħtieġa deċiżjonijiet ġudizzjarji dwar is-setgħa tal-ġenituri għandhom jiġu evitati, meta jkun possibbli, kawżi kkaratterizzati minn żminijiet twal biex l-iżvilupp tal-minuri jiġi llimitat mill-inqas.

17. Għall-każijiet b'implikazzjonijiet transkonfinali, ir-Regolament Nru 2201/2003 jiggarantixxi determinazzjoni ċara u eżawrenti tal-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati, bħala l-ewwel kundizzjoni għall-adozzjoni mħaffa ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji fl-interess tat-tfal. Għaldaqstant, il-kunċetti użati fir-regolament f'dan ir-rigward għandhom jiġu għalhekk interpretati b'mod awtonomu u mhux b'riferiment għad-dritt nazzjonali, biex b'hekk ikun hemm interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tar-regoli fuq il-ġurisdizzjoni u biex jiġu evitati kunflitti ta' ġurisdizzjoni [6].

18. Kif ġie enfasizzat b'mod partikolari fil-premessa 12, ir-Regolament jagħti l-ġurisdiz-

6 — Ara f'dan is-sens is-sentenza C (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punti 46 u 47).

zjoni fl-ewwel lok lill-qrati tal-Istat Membru fejn il-minuri jkun residenti abitwalment. Fil-fatt, minħabba l-prossimità ġeografika tagħhom, dawn il-qrati huma ġeneralment fl-aħjar pożizzjoni biex jiddeċiedu x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri.

19. Il-kunċett ta' residenza abitwali, li għandu importanza ċentrali biex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni ġenerali skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 2201/2003 imma wkoll għall-fora l-oħrajn marbutin magħha, kemm direttament kif ukoll indirettament (Artikoli 9, 10 u 13) għandu jiġi interpretat fid-dawl ta' dan l-għan.

20. Għandha tiġi distinta r-residenza abitwali minn preżenza sempliċi. Huwa veru li l-preżenza ta' minuri tistabbilixxi wkoll relazzjoni ta' prossimità fil-konfront tal-qrati lokali. Din ir-rabta hija, madankollu, ta' kwalità differenti minn dik tar-residenza abitwali. Għaldaqstant, l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 2201/2003 jagħti lill-qrati tal-Istat Membru fejn ikun jinsab il-minuri ġurisdizzjoni sussidjarja biss li ma tibqax tgħodd jekk ir-residenza abitwali fi Stat Membru ieħor tista' tiġi stabbilita.

21. Għalhekk, biex ikun hemm delimitazzjoni bejn il-ġurisdizzjonijiet taħt l-Artikoli 8 u 13 tar-regolament, għandhom jiġu żvilup-pati kriterji li jagħtu lir-residenza tal-minuri l-kwalità ta' residenza "abitwali" biex issir distinzjoni mill-preżenza li hija anqas permanenti.

2. Relazzjoni bejn ir-Regolament Nru 2201/2003 u konvenzjonijiet multilaterali

22. Meta ġie adottat ir-Regolament Nru 2201/2003 diġà kienet teżisti sensiela ta' konvenzjonijiet multilaterali fis-seħħ f'ħafna Stati Membri jew f'kollha li kellhom dispożizzjonijiet fuq il-ġurisdizzjoni fuq il-kustodja. Ir-regolament issostitwixxa, parzjalment, id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-konvenzjonijiet fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, u parzjalment jopera flimkien mad-dispożizzjonijiet multilaterali.

23. Madankollu l-konvenzjonijiet huma parti importanti mill-istorja leġiżlattiva tar-Regolament. Minbarra dan, l-oqsma ta' applikazzjoni ta' diversi strumenti għandhom jiġu ddelimitati konsistentement minn xulxin. Dan jippreżumi interpretazzjoni uniformi tal-kunċett ta' residenza abitwali, li miegħu huma marbutin kemm id-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet kif ukoll dawk tar-regolament.

24. Fir-rigward tal-kontenut tiegħu, ir-Regolament Nru 2201/2003 huwa ispirat f'dan il-qasam primarjament mill-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent, l-infurzar u l-kooperazzjoni fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri u miżuri għall-protezzjoni tat-minuri [7] (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996") [8]. L-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996, bħall-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 2201/2003, jagħti l-ġurisdizzjoni fl-ewwel lok lill-qrati tal-Istat ta' residenza abitwali tal-minuri.

25. Skont l-Artikolu 61(a) tiegħu, ir-regolament jipprevali fuq il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996, meta l-minuri kkonċernat għandu r-residenza abitwali tiegħu fit-territorju ta' xi Stat Membru. Għalhekk jikkorrispondi mal-Artikolu 52(2) u (4) tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996, li jawtorizza lill-Istati Membri japplikaw id-dispożizzjonijiet Komunitarji dwar il-ġurisdizzjoni għall-minuri li joqogħdu abitwalment fil-Komunità.

26. Kif enfasizzaw ġustament il-Gvernijiet Finlandiż, Ġermaniż u Grieg kif ukoll mill-Gvern tar-Renju Unit, interpretazzjoni uniformi tal-kunċett ta' residenza abitwali hija meħtieġa biex jiġu ddelimitati b'mod koerenti l-kuntesti ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996 u tar-regolament u biex jiġu evitati kunflitti ta' ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri u l-qrati ta' Stati kontraenti oħrajn tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996 [9].

27. Hemm bżonn li jissemmew ukoll tliet konvenzjonijiet oħra rilevanti, li r-relazzjoni tagħhom mar-Regolament Nru 2201/2003 hija rregolata mill-Artikolu 60 tiegħu:

— Il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-5 ta' Ottubru tal-1961 dwar il-Poteri tal-Awtoritajiet u l-Liġi Applikabbli fir-rigward tal-Protezzjoni tal-Minuri (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1961") [10] [Artikolu 60(a)];

7 — Id–Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2008, 2008/431/KE (ĠU L 151, p. 36) tawtorizza lill-Istati Membri li għadhom ma aderixxewx mal-Konvenzjoni li jirratifikawha jew jaderixxu fl-interess tal-Komunità Ewropea. It-test tal-Konvenzjoni huwa riprodott fl-anness tad-Deċiżjoni 2008/431/KE (ĠU L 151, p. 39).

8 — Proposta tal-Kummissjoni ta' regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji matrimonjali u f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1347/2000 u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 44/2001 dwar il-manteniment [COM (2002) 222 def./2]. Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi tal-20 ta' Settembru 2007, C (C-435/06, Ġabra p. I-10141, punt 49).

9 — Ara, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-qasam ta' applikazzjoni, il-konklużjonijiet tiegħi f'C (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 50).

10 — *Actes et documents de la Neuvième session de la Conférence de La Haye de droit international privé (1960)*, vol. IV. Ippubblikati fi traduzzjoni bil-Ġermaniż fil-Gazzetta Uffiċjali Ġermaniża (Bundesgesetzblatt) 1971, parti II, p. 219 (disponibbli fuq: http://www.hcch.net/upload/text10_de.pdf).

— Il-Konvenzjoni Ewropea tal-20 ta' Mejju tal-1980 dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-kustodja tal-minuri u r-ritorn tal-kustodja tal-minuri (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni Ewropea" [11] [Artikolu 60 (d)] u

— Il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-25 ta' Ottubru tal-1980 dwar l-aspetti ċivili internazzjonali tal-ħtif tal-minuri (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980") [12] [Artikolu 60(e)].

28. Skont l-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 2201/2003, fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, dan ir-regolament għandu jieħu preċedenza fuq il-konvenzjonijiet tali sakemm ikunu jikkonċernaw kwistjonijiet li huma rregolati minn dan ir-regolament.

29. Il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1961 għandha l-oriġini tagħha fil-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1996 [13]. Il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1961 iddeterminat diġà l-ġurisdizzjoni b'mod partikolari abbażi tar-residenza abitwali. Il-Konvenzjoni Ewropea tal-1980 tuża l-kriterju tar-residenza abitwali firrigward ta' ritorn ta' minuri maħtufin, bħall-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980.

30. L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003 jintrabat b'mod partikolari mal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 u ħa l-orjentament tiegħu, kif ġie enfasizzat reċentement mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Rinau [14]. Iż-żewġ liġijiet għandhom l-għan tar-ritorn immedjat tal-minuri li tneħħew mill-

11 — Disponibbli fuq: http://www.conventions.coe.int/Treaty/en/Treaties/Html/105.htm. It-traduzzjoni Ġermaniża hija ppubblikata fil-Gazzetta uffiċjali Ġermaniża (Bundesgesetzblatt) 1990, parti II, p. 220.

12 — *Actes et documents de la Quatorzième session de la Conférence de La Haye de droit international* privé (1980), vol. III, p. 413 *et seq.* (disponibbli fuq: http://hcch.e-vision.nl/index_fr.php?act=conventions.pdf&cid=24). It-traduzzjoni Ġermaniża hija ppubblikata fil-Ġazzetta uffiċjali Ġermaniża 1990, parti II, p. 207.

13 — Ara P. Lagarde, Rapport spjegattiv tal-Konvenzjoni ta' Den Haag- tal-1996, *Actes et documents de la Dix-huitième session de la Conférence de La Haye de droit international privé (1996)*, vol. II, p. 534, 538, punt 1 (disponibbli fuq: http://hcch.e-vision.nl/upload/expl34.pdf).

14 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Lulju 2008, Rinau (C-195/08 PPU, Ġabra p. I-5271, punti 49 u 62).

Istat fejn kienu joqogħdu abitwalment qabel ma seħħ it-trasferiment illegali. Anki din il-kombinazzjoni tirrikjedi wkoll interpretazzjoni uniformi tal-kunċett ta' "residenza abitwali".

31. Il-konvenzjonijiet multilaterali rilevanti ma jipprovdux intenzjonalment għal definizzjoni ta' residenza abitwali, u jħallu lill-qrati, fil-kuntest tal-aċċertament tal-fatti f'kull każ individwali, jiddefinixxu f'iktar dettall dan il-kunċett [15]. Kif enfasizzaw il-gvernijiet intervenjenti fil-proċedura, il-konvenzjonijiet huma bbażati fuq il-prinċipju li ta importanza, b'mod deċiżiv, liċ-ċentru effettiv tal-ħajja tal-minuri inkwistjoni; dan iċ-ċentru għandu jiġi identifikat abbażi taċ-ċirkostanzi kollha rilevanti u għandu jinżamm separat mill-kunċett purament legali, ta' domiċilju [16].

3. Ir-rwol tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kunċett ta' domiċilju fir-rigward ta' impjieg pubbliku fil-qasam tas-sigurtà soċjali

32. Il-Kummissjoni, fil-proposta tagħha ta' interpretazzjoni, tagħmel enfasi fuq aspetti kemmxejn differenti. Hija tirriferi, għad-definizzjoni ta' residenza abitwali, għall-kunsiderazzjonijiet li saru fil-kuntest tal-elaborazzjoni tal-Konvenzjoni stabbilita abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fuq il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet fil-kawżi matrimonjali [17].

33. Fir-rapport spjegattiv dwar il-Konvenzjoni (rapport ta' Borrás), huwa indikat li l-introduzzjoni ta' definizzjoni ta' residenza abitwali ġiet finalment miċħuda. Madankollu, ġie kkunsidrat b'mod partikolari li Qorti tal-Ġustizzja tat id-definizzjoni li ġejja lit-terminu residenza abitwali f'diversi oqsma tal-liġi: "ir-residenza abitwali hija l-post fejn il-persuna kkonċernata stabbilixxiet, bl-intenzjoni li dan ikun ta' natura stabbli, iċ-ċentru permanenti jew abitwali tal-interessi tagħha. Sabiex tiġi determinata r-residenza abitwali, għandhom jiġu kkunsidrati l-elementi kollha ta' fatt li jikkostitwixxu din ir-residenza u, b'mod

15 — Ara l-proposta tal-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, p. 9). P. Lagarde jikkjarifika li l-adozzjoni ta' definizzjoni ta' residenza abitwali fil-Konvenzjoni-ta' Den Haag tal-1961 ġiet miċħuda biex ma tiġix ippreġudikata l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet eżistenti li wkoll jużaw dak il-kunċett (Rapport spjegattiv tal-Konvenzjoni -ta' Den Haag tal-1996, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, p. 552, punt 40).

16 — Ara fil-Konvenzjoni -ta' Den Haag tal-1961: Rapport spjegattiv ta' W. de Steiger, *Actes et documents de la Neuvième session de la Conférence de La Haye de droit international* privé (1960), vol. IV, p. 219, 225 *et seq.* (disponibbli fuq: http://hcch.e-vision.nl/upload/expl10f.pdf).
Fil-Konvenzjoni -ta' Den Haag tal-1980: Rapport spjegattiv ta' E. Pérez-Vera, *Actes et documents de la Quatorzième session de la Conférence de La Haye de droit international privé (1980),* vol. III, p. 426, 445, punt 66 (disponibbli fuq: http://hcch.e-vision.nl/upload/expl28.pdf). Il-ġurisprudenza rilevanti tal-qrati tal-Istati kontraenti tal- Konvenzjoni -ta' Den Haag tal-1980 tinsab fid-database INCADAT (http://www.incadat.com/index.cfm).
Fil-Konvenzjoni Ewropea: Rapport spjegattiv, nru 15, (disponibbli fuq: http://www.conventions.coe.int/Treaty/EN/Reports/HTML/105.htm), li jirreferi għar-Riżoluzzjoni (72) 1 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa tat-18 ta' Jannar 1971 "On the Standardisation of the Legal Concepts of Domicile and Residence" (disponibbli fuq: https://wcd.coe.int/com.instranet.InstraServlet?command=com.instranet.CmdBlobGet&InstranetImage=587935&SecMode=1&DocId=642796&Usage=2).

17 — ĠU 1998, C 221, p. 2. Għalkemm ma daħlitx fis-seħħ, il-konvenzjoni tista' tiġi kkunsidrata mill-aspett tal-kontenut, il-preċedent tar-Regolament Nru 2201/2003. Id-dispożizzjonijiet tagħha ttieħdu fil-biċċa l-kbira tagħhom mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1347/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji matrimonjali u f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri għall-ulied taż-żewġ konjuġi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 209), li kien ġie ssostitwit bir-Regolament Nru 2201/2003.

partikolari, ir-residenza nfisha tal-persuna kkonċernata" [18].

34. Ir-rappreżentanti tal-Finlandja u l-Ġermanja kif ukoll ir-rappreżentant tar-Renju Unit ikkontestaw, bir-raġun waqt is-seduta, l-użu ta' din id-definizzjoni biex jiddefinixxu b'mod iktar preċiż ir-residenza abitwali ta' minuri skont ir-Regolament Nru 2201/2003.

35. Il-ġurisprudenza kkunsidrata tirrigwarda kwistjoni partikolari dwar id-dritt fuq l-impjieg pubbliku, u b'mod partikolari r-rekwiżiti għall-għoti ta' remunerazzjoni għall-espatrijazzjoni. Uffiċjal tal-Komunità Ewropea għandu d-dritt għal din ir-remunerazzjoni biss jekk jittrasferixxi d-domiċilju tiegħu fil-post fejn jaħdem meta jinħatar u mhux jekk kien diġà joqgħod hemm qabel.

36. Indipendentement min-nuqqas ta' kwalunkwe punt ta' kuntatt bejn dak il-kuntest ta' impjieg pubbliku u dan il-kuntest ta' dritt ta' familja, id-definizzjoni mhijiex, lanqas mill-aspett sostanzjali, tajba biex tiġi trasposta. Hija tagħti wisq importanza lill-intenzjoni tal-persuna kkonċernata. Forsi dan jista' jkun possibbli għall-adulti. Għalhekk, mhux ta' b'xejn li r-rapport Borrás jirreferi għall-ġurisprudenza ċċitata fir-rigward tad-deċiżjonijiet matrimonjali. Iżda fil-każ tat-tfal żgħar, li tirriżulta determinanti mhijiex l-intenzjoni tagħhom imma dik tal-ġenituri li għandhom id-dritt, li ġej mid-dritt tal-kustodja, li jistabbilixxu l-post tar-residenza tal-minuri. Madankollu, fil-kuntest tat-tilwim fuq il-kustodja, l-ideat tal-persuni li għandhom dritt għall-kustodja fejn għandu joqgħod il-minuri, jistgħu jkunu diverġenti. Għaldaqstant l-intenzjoni tal-missier u/jew tal-omm biex j/toqgħod mal-minuri f'post partikolari tista' tkun biss indikazzjoni tar-residenza abitwali tal-minuri, mhux kundizzjoni fiha nnifisha deċiżiva.

37. Il-Gvern tar-Renju Unit isostni wkoll li d-definizzjoni ta' domiċilju li żviluppat il-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dritt soċjali [19], ma tistax tiġi trasposta għar-Regolament Nru 2201/2003, billi d-diversi dispożizzjonijiet għandhom għanijiet kompletament differenti. Id-dispożizzjonijiet fuq l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għall-ħaddiema migranti għandhom l-għan li jiddelimitaw il-ġurisdizzjoni għall-għoti ta' ċerti benefiċċji bejn l-Istat ta' residenza u l-Istat tal-impjieg.

18 — A. Borrás, Rapport spjegattiv dwar il-konvenzjoni stabbilita abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fuq il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet fil-kawżi taż-żwieġ, ĠU 1998, C 221, p. 27, punt 32. Iċ-ċitazzjoni li saret tinsab, fost l-oħrajn, fis-sentenza tal-15 ta' Settembru 1994, Magdalena Fernández vs Il-Kummissjoni (C-452/93 P, Ġabra p. I-4295, punt 22) li mbagħad ġiet ripetuta fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Prim'Istanza (ara, pereżempju, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Ottubru 2005, Herrero Romeu vs Il-Kummissjoni, T-298/02, Ġabra p. II-4599, punt 51).

19 — Ara s-sentenzi tas-17 ta' Frar 1977, Di Paolo (76/76, Ġabra p. 315, punti 17 sa 22); tat-8 ta' Lulju 1992, Knoch (C-102/91, Ġabra p. I-4341, punti 21 sa 23); tal-25 ta' Frar 1999, Swaddling (C-90/97, Ġabra p. I-1075, punti 29 sa 30) kif ukoll tal-11 ta' Novembru 2004, Adanez-Vega (C-372/02, Ġabra p. I-10761, punt 37).

B'differenza mill-każ ta' ġurisdizzjoni għal deċiżjonijiet fuq il-kustodja, l-għan ewlieni mhuwiex l-interess tal-persuna kkonċernata imma t-tqassim tal-piżijiet fost l-Istati Membri.

4. Konsegwenzi għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' residenza abitwali skont ir-Regolament Nru 2201/2003.

38. Fid-dawl tat-test u tal-għanijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 kif ukoll tal-konvenzjonijiet multilaterali rilevanti, il-kunċett ta' residenza abitwali skont l-Artikolu 8(1) tar-regolament għandu jiġi interpretat fis-sens li jikkoinċidi maċ-ċentru effettiv tal-interessi tal-minuri.

39. Għad-determinazzjoni taċ-ċentru effettiv tal-interessi, il-qorti tar-rinviju għandha tikkunsidra ċ-ċirkustanzi kollha eżistenti fil-mument ta' meta jiġi istitwit il-proċediment. Jibqa' li jsir magħruf jekk hemmx lok li jitqies li huwa talba fil-każ, bħalma huwa dan, li fih l-awtorità tidher li aġixxiet *ex officio* [20]. L-att rilevanti jista' jkun b'mod partikolari t-teħid tal-kura fis-16 ta' Novembru 2005, billi kienet b'dik il-miżura li l-awtoritajiet aġixxew l-ewwel b'effett estern [21].

40. F'din il-kawża r-regolarità u kemm damet ir-residenza kif ukoll il-kuntest familjari u soċjali tal-minuri jistgħu jkunu partikolarment rilevanti, biex jiġi ddeterminat il-post tar-residenza abitwali.

— It-tul u r-regolarità tar-residenza

41. Biex issir distinzjoni bejn ir-residenza abitwali u l-preżenza temporanja sempliċi, ir-residenza trid tkun normalment ta' ċertu tul fiż-żmien. Ir-Regolament Nru 2201/2003 ma jistabilixxix f'dan il-kuntest tul preċiż. Huma pjuttost iċ-ċirkustanzi li jikkaratterizzaw il-każ partikolari biex ir-residenza tingħata l-istabbiltà meħtieġa. Jistgħu jkunu ta' rilevanza partikolari f'dan ir-rigward l-età tal-minuri u ċ-ċirkustanzi familjari u soċjali deskritti iktar 'il quddiem.

42. Ir-residenza ma għandhiex għalfejn tkun mingħajr interruzzjoni. Assenza temporanja tal-minuri, pereżempju matul il-vaganzi, ma

20 — Ara, fuq il-kunċett ta' "meta l-proċedimenti ġew istitwiti" skont l-Artikolu 64(2) tar-Regolament Nru. 2201/2003, il-konklużjonijiet fil-Kawża C (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punti 67 u 68).

21 — Dwar meta jiġi istitwit proċediment skont l-Artikolu 64(2) tar-Regolament Nru 2201/2003, il-Qorti tal-Ġustizzja tidher li qed tirreferi wkoll għal mument anteċedenti, jiġifieri għall-bidu tal-investigazzjonijiet amministrattivi interni (ara s-sentenza C [iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 72]).

għandhiex tqiegħed fid-dubju l-persistenza tar-residenza abitwali. Madankollu ma jkunx hemm residenza abitwali jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi fattwali ma jkunx hemm ritorn għall-post oriġinali ta' residenza.

43. Fil-każ ta' trasferiment legali, jista' jkun hemm trasferiment tar-residenza abitwali fl-Istat ospitanti, anki wara perijodu qasir. Huwa dak li qed jissuġġerixxi l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 2201/2003. Skont din id-dispożizzjoni, il-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali preċedenti tal-minuri jżommu l-ġurisdizzjoni tagħhom, b'deroga mill-Artikolu 8, matul perijodu ta' tliet xhur mit-trasferiment tagħhom, biex jimmodifikaw sentenza dwar drittijiet ta' aċċess maħruġa f'dan l-Istat Membru qabel il-minuri ġie ttrasferit, fejn il-pussessur tad-drittijiet ta' aċċess ikompli jirrisjedi abitwalment fl-Istat Membru tar-residenza abitwali preċedenti tal-minuri. Din id-dispożizzjoni tippreżumi għalhekk li jista' jkun hemm residenza abitwali fil-post il-ġdid tad-domiċilju anki qabel ma jgħaddu tliet xhur, b'mod li huwa neċessarju li tiġi prevista ġurisdizzjoni li tidderoga mir-regoli tal-Artikolu 8 favur il-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali preċedenti tal-minuri.

44. Madankollu, l-Artikolu 9(1) jirrigwarda biss fatt partikolari ħafna. Mill-bqija, fil-każ ta' trasferiment, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati ċ-ċirkustanzi kollha li jikkaratterizzaw il-każ partikolari. Indikazzjoni tal-bidla fir-residenza abitwali tista' tkun b'mod partikolari l-intenzjoni korrispondenti komuni tal-ġenituri li jistabbilixxu ruħhom mal-minuri għal żmien twil fi Stat ieħor. Ir-rieda tal-ġenituri tista' tidher, pereżempju, f'ċirkustanzi esterni partikolari, bħall-akkwist jew il-kirja ta' residenza fl-Istat tat-trasferiment, notifika lill-awtoritajiet ta' indirizz ġdid, twaqqif ta' relazzjoni ta' xogħol u r-reġistrazzjoni ta' minuri f'kindergarten jew skola. B'rifless ta' dan, l-abbandun ta' residenza u impjieg qodma u n-notifika lill-awtoritajiet bit-tluq jissuġġerixxu li tintemm ir-residenza abitwali fl-Istat ta' provenjenza.

45. F'dan ir-rigward huwa konċepibbli wkoll f'każijiet eċċezjonali li matul l-istadju tranżitorju ma jkunx hemm iktar residenza abitwali fl-Istat ta' provenjenza filwaqt li l-istatus fl-Istat il-ġdid ikun għadu ma kkristallizzax f'residenza abitwali. Preċiżament għal każ bħal dan, l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 2201/2003 jagħti ġurisdizzjoni sussidjarja lill-qrati tal-Istat Membru fejn huwa preżenti l-minuri.

46. Fil-każ ta' ħtif tat-tfal, l-Artikolu 10 jistabbilixxi, b'ċerti kundizzjonijiet, iż-żamma tal-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat tar-residenza abitwali qabel il-ħtif. Madankollu, il-ħtif ma jeskludix li r-residenza abitwali tiġi ttrasferita fl-Istat fejn ikun ittieħed il-minuri. F'dan il-każ, trasferiment ta' ġurisdizzjoni jista' jseħħ minnufih bil-kunsens tal-persuni li għandhom id-dritt tal-kustodja u tal-istituz-

zjonijiet kompetenti [Artikolu 10(a)]. Jekk le, it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni jista' jseħħ biss jekk il-minuri jkun qagħad f'dak l-Istat Membru l-ieħor tal-anqas għal sena [Artikolu 10(b)]. Iżda t-terminu ta' sena mhuwiex fih innifsu deċiżiv lanqas f'dan il-każ. It-trasferiment ta' ġurisdizzjoni jiddependi iktar fuq il-kundizzjonijiet li għandhom iseħħu skont l-Artikolu 10(b)(i) sa (iv).

— Sitwazzjoni familjari u soċjali tal-minuri

47. L-istabbiltà, li tiddistingwi r-residenza abitwali mis-sempliċi preżenza, tiddependi wkoll mill-kuntest familjari u soċjali ta' minuri. Hija l-qorti tar-rinviju, filwaqt li tikkunsidra l-fatturi kollha li, skont l-età tal-minuri, jista' jkollhom relevanza differenti, li għandha jkollha stampa kumplessiva f'dan ir-rigward.

48. Is-sitwazzjoni familjari tiġi influwenzata b'mod determinanti mill-persuni li magħhom jgħix il-minuri fil-post ta' residenza jew huwa f'kuntatt regolari, fi kliem ieħor ġenituri, aħwa, nanniet jew qraba ta' ġewwa oħrajn. Għall-integrazzjoni soċjali huma ta' importanza partikolari, ċirkustanzi bħal fejn imur l-iskola, il-ħbieb, l-attivitajiet barra l-iskola u, fuq kollox, kemm jaf jitkellem il-lingwa.

49. Mingħajr ma rrid nantiċipa l-evalwazzjoni kumplessiva taċ-ċirkustanzi kollha min-naħa tal-qorti tar-rinviju, f'dan il-każ hemm sensiela ta' elementi li juru li l-minuri C, D u E ma kinux diġà abitwalment residenti fil-Finlandja f'Novembru 2005. B'hekk, vaganza biss kienet ġiet ippjanata oriġinarjament, li jista' jissuġġerixxi li r-residenza abitwali kompliet fl-Isvezja. Barra minn hekk, iċ-ċaqliq minn kamp għal kamp probabbilment eskludiet il-possibbiltà tal-minuri li jibnu relazzjonijiet soċjali permanenti ma' persuni oħrajn minbarra ommhom u missierhom tar-rispett. Fattur aggravanti huwa li ma kinux imorru l-iskola.

50. Min-naħa l-oħra, wieħed jista' jassumi li l-minuri kienu jitkellmu sew mill-anqas lingwa waħda uffiċjali tal-Finlandja. Barra minn hekk, f'Novembru l-ġenituri probabbiliment kienu abbandunaw l-intenzjoni oriġinali tagħhom li jgħaddu l-vaganzi tagħhom biss fil-Finlandja. Dan jidher ukoll mill-fatt li f'Ottubru 2005 l-familja kienet talbet akkomodazzjoni soċjali fil-Finlandja.

51. Jekk il-qrati Finlandiżi jaslu għall-konklużjoni li C, D u E ma kinux residenti abitwalment fil-Finlandja fil-mument rilevanti, biex b'hekk mhemmx ġurisdizzjoni taħt l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 2201/2003, il-ġurisdizzjoni tal-qrati Finlandiżi tista' tirriżulta mill-Artikolu 13. Il-kundizzjoni biex dan iseħħ hija li filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kriterji deskritti hawn fuq, ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda residenza abitwali oħra, b'mod partikolari fl-Isvezja.

52. Ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda preliminari għandha tkun f'dan is-sens: ir-residenza abitwali ta' minuri skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 tikkonsisti fil-post fejn il-minuri, wara evalwazzjoni kumplessiva taċ-ċirkustanzi kollha ta' fatt rilevanti, u b'mod partikolari t-tul u r-regolarità tar-residenza kif ukoll il-kuntest familjari u soċjali, ikollu ċ-ċentru ta' interessi tiegħu. Huwa biss meta ma jkunx possibbli li tiġi stabbilita residenza abitwali fis-sens deskritt hawn fuq u li lanqas ma jkun hemm ġurisdizzjoni bbażata fuq l-Artikolu 12 [22], li jirriżultaw li għandhom ġurisdizzjoni, skont l-Artikolu 13(1) tar-regolament, il-qrati tal-Istat Membru fejn jinsab il-minuri.

C — *Fuq it-tielet domanda premininari*

53. It-tielet domanda preliminari, li hija maqsuma fi tliet subdomandi, tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003. Din id-dispożizzjoni tipprovdi li f'każijiet urgenti, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom iħallu l-qrati ta' Stat Membru jieħu dawk il-miżuri provviżorji kif huma disponibbli taħt il-liġi ta' dak l-Istat Membru, anki jekk, taħt dan ir-regolament, qorti ta' Stat Membru ieħor ikollha l-ġurisdizzjoni inkwantu għas-sustanza tal-kwistjoni.

54. L-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija għalhekk importanti f'dan il-każ biss jekk il-qorti tar-rinviju tikkonkludi, wara li jiġu kkunsidrati r-risposti għat-tieni domanda, li l-qrati Finlandiżi ma għandhomx diġà ġurisdizzjoni taħt l-Artikoli 8 jew 13 tar-regolament.

1. Fuq is-subdomanda 3(a)

55. B'din id-domanda l-qorti qed titlob li jiġu ddefiniti l-kundizzjonijiet taħt l-Artikolu 20 (1) tar-Regolament Nru 2201/2003 għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri, bħal, b'mod partikolari, miżuri ta' teħid tal-kura urġenti ta' minuri.

56. Fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 20(1) wieħed għandu jiftakar li d-dispożizzjoni tawtorizza lill-qrati jaġixxu fejn ma jkollhomx ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-kwistjoni taħt ir-regolament u għalhekk solitament ikollhom jiċħdu l-ġurisdizzjoni taħt l-Artikolu 17 tar-regolament. L-Artikolu 20(1) għandu fil-prinċipju jiġi interpretat b'mod ristrett. Madankollu, il-qrati għandhom jitħallew f'każijiet urġenti jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa fl-interess superjuri tal-minuri.

22 — Il-fatt li l-Artikolu 12 jirbaħ fuq l-Artikolu 13 madankollu joħloq il-problemi (ara Th. Rauscher fi: Th. Rauscher (editur), *Europäisches Zivilprozessrecht*, vol. I, it-Tieni Edizzjoni, Monaco ta' Baviera 2006, Artikolu 13 punt 5).

57. Mit-test tad-dispożizzjoni jirriżulta wkoll, fl-ewwel lok, li l-miżuri jistgħu jirreferu biss għall-minuri li jkunu fl-Istat Membru tal-qorti adita. Il-qorti tal-Istat fejn jinsab il-minuri tista' tevalwa, minħabba l-qrubija tagħha, jekk u eventwalment liema miżuri ta' urġenza għandhom jiġu adottati. Hija tista' tipprovdi wkoll għall-eżekuzzjoni tagħhom. F'dan is-sens ir-rekwiżiti li hemm fl-Artikolu 20(1) huma sodisfatti. Il-kwistjoni kontroversjali fid-duttrina, jiġifieri jekk l-Artikolu 20 jagħtix huwa stess il-ġurisdizzjoni biex jiġu adottati miżuri ta' urġenza jew inkella jirriferix biss għall-ġurisdizzjoni abbażi tal-*lex fori*, ma għandhiex għalfejn tiġi solvuta f'dan il-kuntest [23]. Fil-fatt il-qrati Finlandiżi kellhom manifestament ġurisdizzjoni anki abbażi tad-dritt nazzjonali biex jiddisponu fuq it-teħid tal-kura urġenti skont l-Artikolu 18 tal-liġi fuq il-ħarsien tal-minuri.

58. Fit-tieni lok, għandu jkun hemm *każ urġenti*. L-urġenza teżisti dejjem meta l-intervent immedjat ikun meħtieġ, min-naħa tal-qorti adita fl-Istat fejn ikun il-minuri biex jiġi ssalvagwardjat l-interess superjuri tiegħu.

59. Il-kriterju tal-urġenza stabbilit fl-Artikolu 20(1) tar-regolament ma jistax jiġi kkunsidrat separatament mill-paragrafu (2) ta' din id-dispożizzjoni. Skont l-Artikolu 20 (2), il-miżuri provviżorji ma jibqgħux applikabbli meta l-qorti tal-Istat Membru li għandha l-ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-mertu tkun adottat il-miżuri meqjusa xierqa. Kif enfasizza l-Gvern tar-Renju Unit, l-Artikolu 20 jiggarantixxi b'dan il-mod ġurisdizzjoni li ma għandhiex lakuni billi l-qorti li għandha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-mertu tista' tisma' l-kawża fi kwalunkwe żmien. Kif sostna ġustament il-Gvern Ġermaniż, ma hemmx b'hekk periklu li s-sistema ta' ġurisdizzjoni tar-regolament ma titħarisx permezz ta' interpretazzjoni wiesgħa żżejjed tal-kunċett ta' urġenza skont l-Artikolu 20(1).

60. Fit-tielet lok, l-Artikolu 20(1) jippermetti biss l-adozzjoni ta' miżuri *provviżorji*. Id-deċiżjoni definittiva tibqa' riżervata għall-qorti li għandha ġurisdizzjoni fil-mertu. Iżda l-Artikolu 20 ma jistabbilixxix limitu ta' żmien partikolari għaż-żamma fis-seħħ tal-miżuri provviżorji. Jekk il-qorti li adottat il-miżura provviżorja ma tkunx hija nnifisha llimitat kemm iddum u ma tkunx irrevokatha suċċessivament, hija tibqa' fis-seħħ skont l-Artikolu 20(2) sal-intervent tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni fil-mertu.

61. Fir-rigward tat-tielet subdomanda, il-Kummissjoni tirreferi, madankollu, għall-ġurisprudenza fuq l-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni ta' Brussell, li jikkorrispondi mal-Arti-

23 — Ara fl-istat tad-dibattitu, M. Andrae, Zur Abgrenzung des räumlichen Anwendungsbereichs von KSÜ und autonomem IZPR/IPR, *Praxis des Internationalen Privat- und Verfahrensrechts — IPRax,* 2006, p. 82, 85 *et seq.*

kolu 31 tar-Regolament Nru 44/2001 [24]. Skont din il-ġurisprudenza, il-miżuri provviżorji jew kawtelatorji skont dawn id-dispożizzjonijiet huma intiżi għaż-żamma ta' sitwazzjoni ta' fatt jew ta' dritt biex jiġu ppreżervati drittijiet li mbagħad hija l-qorti xierqa li taċċerta l-eżistenza tagħhom [25]. Il-qorti għandha tagħmel l-awtorizzazzjoni tagħha suġġetta għall-kundizzjonijiet li jiggarantixxu n-natura provviżorja jew kawtelatorja tal-miżura ordnata [26].

62. Jekk il-qrati Svediżi, li eventwalment għandhom ġurisdizzjoni fil-mertu, ma jiġux aditi bil-kawża, ikun hemm il-periklu li t-teħid tal-kustodja u t-tqegħid li ġew ordnati fil-15 ta' Diċembru 2005 mill-*Perusturvalautakunta* jistgħu jibqgħu fis-seħħ, b'kuntrast mal-ġurisprudenza msemmija, sakemm il-minuri jsiru maġġorenni. Billi r-regolament ma jistabbilixxi lanqas rinviju lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni (ara f'dan ir-rigward is-subdomanda 3(c)), jista' jkun hemm, meta jiskadu l-miżuri provviżorji, lakuna fl-assistenza li tmur kontra l-għanijiet tar-regolament.

63. F'dan ir-rigward, jeħtieġ jingħad li, minn naħa, traspożizzjoni f'dan il-kuntest tal-ġurisprudenza rigward il-miżuri provviżorji skont il-Konvenzjoni ta' Brussell toħloq il-problemi. Il-miżuri provviżorji adottati f'materji ċivili jew kummerċjali skont din il-Konvenzjoni, jiġifieri r-Regolament Nru 44/2001, huma intiżi biex jiggarantixxu d-drittijiet tar-rikorrenti u jolqtu provviżorjament id-drittijiet tal-konvenut. Għaldaqstant, il-miżuri provviżorji korrispondenti ta' qorti li ma għandhiex ġurisdizzjoni fil-mertu għandhom jiġu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ.

64. Għall-kuntrarju, fil-każ tal-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 2201/2003, l-interess superjuri tal-minuri għandu pożizzjoni ewlenija peress li ma jistax jipproteġi l-interessi tiegħu. Huwa veru li l-miżuri kawtelatorji jillimitaw id-dritt tal-kustodja tal-ġenituri. Dawn tal-aħħar jistgħu, madankollu, jadixxu l-qorti li għandha ġurisdizzjoni u b'hekk jipprovokaw eventwalment il-waqfien tal-applikabbiltà tal-miżuri provviżorji skont l-Artikolu 20(2). F'dan hemm differenza sostanzjali mill-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni ta' Brussell u mill-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 44/2001, li ma għandhomx dispożizzjoni bħal din.

65. Min-naħa l-oħra, wieħed jaqbel mal-Kummissjoni li r-residenza stabbli tal-minuri setgħet ġiet ittrasferita fil-Finlandja matul il-perijodu ta' kura u tpoġġija li ordnaw l-awtoritajiet Finlandiżi. Jekk dan kien minnu, il-qrati Finlandiżi għandhom ġuris-

24 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

25 — Sentenzi tas-26 ta' Marzu 1992, Reichert u Kockler (C-261/90, Ġabra p. I-2149, punt 34); tas-17 ta' Novembru 1998, Van Uden (C-391/95, Ġabra p. I-7091, punt 37) kif ukoll tat-28 ta' April 2005, St. Paul Dairy Industries (C-104/03, Ġabra p. I-3481, punt 13).

26 — Sentenzi tal-21 ta' Mejju 1980, Denilauler (125/79, Ġabra p. 1553, punt 15); Van Uden (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23, punt 38) kif ukoll St. Paul Dairy Industries (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23, punt 14).

dizzjoni, skont l-Artikolu 8(1) tar-regolament, biex jieħdu konjizzjoni tal-mertu tal-kawża ġdida li saret wara. Fi kwalunkwe każ, hemm ħafna raġunijiet biex wieħed iqis li ma għadx hemm residenza abitwali fl-Isvezja, wara li l-familja ilha li ħalliet il-pajjiż, ma kellhiex intenzjoni li sempliċement tgħaddi l-vaganzi fil-Finlandja kif ukoll iċ-ċirkustanzi oġġettivi ta' fatt jagħmluha improbabbli li tirritorna fl-Isvezja. L-awtortajiet Finlandiżi jistgħu għaldaqstant ikollhom ġurisdizzjoni f'kawża ġdida taħt l-Artikolu 13 jekk għadha ma ġietx stabbilita residenza abitwali fil-Finlandja. Għalhekk mhemmx biża' ta' "lakuna fil-ġurisdizzjoni".

2. Fuq is-subdomanda 3(b)

66. Bit-tieni subdomanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-miżuri kawtelatorji taħt l-Artikolu 20(1) tar-Regolament humiex esklużivament dawk il-miżuri li jistgħu jingħataw skont id-dritt nazzjonali u jekk ir-regoli tad-dritt nazzjonali dwar dawk id-dispożizzjonijiet jorbtux fl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu.

67. Skont il-formulazzjoni tagħha, id-dispożizzjoni inkwistjoni tippermetti l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji previsti mil-liġi nazzjonali. Barra mir-rekwiżiti msemmija fir-risposta għas-subdomanda 3(a), l-Artikolu 20 tar-regolament ma fih l-ebda regola ulterjuri fuq x'forma għandhom jieħdu d-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli [27].

68. Jeħtieġ jiġi osservat f'dan ir-rigward li l-kunċett ta' miżuri provviżorji huwa kunċett awtonomu tad-dritt Komunitarju. Kif sostnew tajjeb il-Gvern Finlandiż u l-Kummissjoni, l-Artikolu 20(1) ma jipprekludi lanqas dawk il-miżuri mhux indikati espressament bħala miżuri provviżorji mid-dritt nazzjonali. Kif jirriżulta mir-risposta għall-ewwel subdomanda, din id-dispożizzjoni tippermetti l-adozzjoni ta' dawk il-miżuri kollha li huma meħtieġa għas-salvagwardja tal-interess superjuri tal-minuri sal-intervent tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni fil-mertu u li ma jkollhomx natura definittiva.

69. Għall-bqija, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi liema miżuri jistgħu jiġu adottati abbażi tad-dritt nazzjonali u jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali jorbtux.

27 — F'dan ir-rigward, fost id-dispożizzjonijiet nazzjonali jidħlu wkoll ir-regoli tad-dritt internazzjonali privat, kif enfasizzat mill-Gvern Ġermaniż. Meta dawn ir-regoli jiddikjaraw il-liġi ta' Stat Membru ieħor bħala applikabbli, l-Artikolu 20(1) tar-regolament ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet barranin imsemmija fir-regoli tad-dritt internazzjonali privat tal-Istat tal-qorti adita.

3. Fuq is-subdomanda 3(c)

70. Il-qorti tar-rinviju tqajjem ukoll il-kwistjoni jekk, wara l-adozzjoni ta' miżura kawtelatorja, il-kawża għandhiex tiġi ttrasferita *ex officio* lill-qorti tal-Istat Membru kompetenti.

71. Il-Gvern Grieg biss huwa favur obbligu f'dan is-sens, filwaqt li l-partijiet l-oħrajn intervenjenti fil-proċedura jiċħdu li dan jeżisti, minħabba n-nuqqas ta' dispożizzjoni f'dan is-sens.

72. Fil-fatt, l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 biss jipprovdi għal każ biex jiġi ttrasferit f'qorti li qiegħda f'pożizzjoni aħjar biex tisimgħu. Madankollu, din id-dispożizzjoni tagħti din il-possibbiltà biss lil qorti li għandha ġurisdizzjoni fil-mertu. Fir-rigward tal-qorti li adottat miżura provviżorja abbażi tad-dritt nazzjonali tagħha, ir-rinviju lil qorti li għandha ġurisdizzjoni fil-mertu mhuwiex irregolat.

73. Lanqas ma huwa meħtieġ obbligu ta' rinviju, għar-raġunijiet imsemmija fir-risposta għad-domanda 3(b) biex tiġi ggarantita, fl-interess superjuri tal-minuri, ġurisdizzjoni ħielsa minn lakuni għal adozzjoni ta' miżuri fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri.

74. Madankollu, ir-regolament lanqas ma jipprojbixxi lill-qorti li adottat il-miżura provviżorja milli tinforma lill-qorti li, fil-fehma tagħha, tirriżulta li għandha ġurisdizzjoni fil-mertu. Hija tista', għal dan l-iskop, tinkludi wkoll l-awtorità ċentrali li, skont l-Artikolu 55(a) tar-Regolament Nru 2201/2003 tista' tidħol f'kuntatt mal-awtorità ċentrali tal-Istat l-ieħor.

D — *Fuq ir-raba' domanda preliminari*

75. Il-qorti tar-rinviju fl-aħħar tistaqsi jekk qorti li ma jkollhiex ġurisdizzjoni skont ir-Regolament Nru 2201/2003 għandhiex tiddikjara inammissibbli r-rikors jew tibagħtu lil qorti ta' Stat Membru ieħor.

76. Skont l-Artikolu 17 tar-regolament, il-qorti ta' Stat Membru li għandha l-konjizzjoni ta' każ li ma għandhiex il-ġurisdizzjoni taħt dan ir-regolament u li tiegħu qorti ta' Stat

Membru ieħor ikollha l-ġurisdizzjoni bis-saħħa ta' dan ir-regolament, għandhiex tiddikjara *ex officio* li ma għandhiex ġurisdizzjoni. Mhemmx dispożizzjoni fir-regolament għal rinviju lil qorti b'ġurisdizzjoni fi Stat Membru ieħor.

77. Jgħid sew il-Gvern Grieg meta josserva li r-regolament jimmira biex jiżgura li ma jkunx hemm lakuni fil-ġurisdizzjoni għal miżuri fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Dan huwa żgurat fil-prinċipju mill-Artikoli 8 u 13 tar-regolament. Meta ma jkunx hemm urġenza, ikun possibbli li wieħed jistenna sakemm il-qrati li jkollhom ġurisdizzjoni taħt dawn id-dispożizzjonijiet jaġixxu *ex officio* jew fuq talba, wara li qorti oħra tkun iddikjarat li ma għandhiex ġurisdizzjoni.

78. Iżda d-dispożizzjonijiet tar-regolament ma jistgħux jiggarantixxu li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni tkun taf bil-kawża fl-Istat Membru l-ieħor. Billi l-leġiżlatur evita li jimponi obbligu ta' rinviju, dan l-obbligu ma jistax jiġi dedott esklużivament mill-għanijiet tar-regolament.

79. Barra minn dan, qorti li kien għad ma għandhiex ġurisdizzjoni fil-mument li saret it-talba, tista' jkollha ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni ta' proċediment ġdid meta r-residenza abitwali tkun ġiet ittrasferita fl-Istat Membru inkwistjoni matul l-ewwel proċediment. Għalhekk forsi lanqas biss jagħmel sens obbligu ta' rinviju lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni fil-mument li ssir it-talba fl-ewwel proċedura.

80. Fi kwalunkwe każ, ir-Regolament Nru 2201/2003 lanqas ma jipprojbixxi lill-qorti li ma għandhiex ġurisdizzjoni milli tinforma bid-deċiżjoni tagħha lill-qorti ta' Stat Membru ieħor li hija tikkunsidra li għandha ġurisdizzjoni. Għal dan il-għan, jistgħu jkunu involuti anki l-awtoritajiet ċentrali skont l-Artikolu 55 tar-regolament. Fis-sitwazzjoni ta' trażmissjoni tali ta' informazzjoni, li mhijiex irregolata fir-regolament, li tintbagħat mill-qorti li ma għandhiex ġurisdizzjoni lill-qorti ta' Stat Membru ieħor, ma tistax madankollu torbot lil din tal-aħħar mil-lat tal-ġurisdizzjoni tagħha. Hija dik il-qorti stess li għandha tivverifika l-ġurisdizzjoni tagħha.

## V — Konklużjoni

81. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonjiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari tal-Korkein Hallinto-oikeus:

1. L-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2116/2004, tat-2 ta' Diċembru 2004, għandu jiġi interpretat fis-sens li deċiżjoni unika li tordna t-teħid immedjat taħt kura u t-tqegħid ta' minuri barra mill-familja oriġinali tiegħu għal ma' istitut professjonali fejn jilqgħu lit-tfal, meta din id-deċiżjoni tiġi adottata fil-kuntest tar-regoli tad-dritt pubbliku dwar il-protezzjoni tat-tfulija taqa' taħt il-kunċett ta' "materji ċivili", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

2. Ir-residenza abitwali ta' minuri skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 taqbel mal-post fejn il-minuri, wara evalwazzjoni kumplessiva taċ-ċirkustanzi kollha ta' fatt rilevanti, u b'mod partikolari kemm iddum ir-residenza u r-regolarità tagħha kif ukoll il-kuntest familjari u soċjali, ikollu ċ-ċentru ta' interessi tiegħu. Huwa biss meta ma jkunx possibbli li tiġi stabbilita residenza abitwali fis-sens deskritt issa u lanqas ma jkun hemm ġurisdizzjoni bbażata fuq l-Artikolu 12, li jirriżultaw li għandhom ġurisdizzjoni, skont l-Artikolu 13(1) tar-regolament, il-qrati tal-Istat Membru fejn jinsab il-minuri.

3. a) L-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 jippermetti lill-qrati ta' Stat Membru li jadotta, f'każijiet ta' urġenza, il-miżuri kollha provviżorji għall-ħarsien ta' minuri li jkun f'dak l-Istat, anki meta skont ir-regolament huma għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni tal-mertu l-qrati ta' Stat Membru ieħor. Ikun hemm in-natura ta' urġenza jekk l-intervent immedjat huwa, mil-lat tal-qorti adita fl-Istat fejn jinsab il-minuri, meħtieġ biex jiggarantixxi l-interess superjuri tiegħu.

b) L-Artikolu 20(1) tar-regolament jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji stabbiliti mid-dritt tal-Istat Membru tal-qorti adita, mingħajr il-ħtieġa li dawk il-miżuri provviżorji jiġu kklassifikati espressament bħala tali mid-dritt nazzjonali. Hija l-qorti tar-rinviju li tistabbilixxi liema miżuri jistgħu jiġu adottati abbażi tad-dritt nazzjonali u jekk humiex vinkolanti.

c) Ir-regolament ma jobbligax lill-qorti li adottat miżura provviżorja skont l-Artikolu 20(1) li tibgħat il-kawża lill-qorti ta' Stat Membru ieħor li għandha ġurisdizzjoni fil-mertu. Madankollu, ir-regolament ma jipprojbixxix lill-qorti adita milli tinforma bil-miżuri adottati lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni, direttament jew permezz tal-awtortitajiet ċentrali.

4. Qorti li ma għanhiex ġurisdizzjoni fil-mertu skont ir-regolament u li lanqas tqis li hija meħtieġa l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji skont l-Artikolu 20(1) tar-regolament, għandha tiddikjara li ma għandhiex ġurisdizzjoni taħt l-Artikolu 17 tar-regolament. Ir-regolament ma jistabbilixxix li għandu jkun hemm rinviju lil qorti li għandha l-ġurisdizzjoni. Iżda dan ma jipprekludix lill-qorti adita milli tinforma lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni bid-deċiżjoni tagħha, direttament jew permezz tal-awtoritajiet ċentrali.